MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2014

Numru. 1032/2010

**Il-Pulizija**

**Spettur Trevor Micallef**

**VS**

**Giulio Zarb, iben Amabile Carmelo u Mary nee' Borg, imwieled San Giljan nhar it-2 ta' Ottubru, 1957, residenti fil-fond numru 91, Triq Spinola, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita' numru 657757M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Giulio Zarb** li gie akkzuat talli fix-xahar ta' Awwissu, 2010, f'San Giljan u/jew fil-vicinanzi, b'diversi atti

maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta' tlitt mitt Ewro (€300) ghad-dannu ta' Joseph Urpani, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

2. U aktar talli fl-istess xahar, lok, u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha, fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqla tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' tlitt mitt Ewro (€300) ghad-dannu ta' Joseph Urpani.

Rat l-ammissjoni tal-imputat f-istadju tal-interrogatorju, u dan wara li l-Qorti taghti zmien sabiex jerga' jahseb dwar l-istess;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellux oggezzjoni.

Rat illi l-imputat hallas dak kollu dovut lis-Sur Joseph Urpani;

Rat illi fuq il-provi skarsi migjuba u anke accettando li l-imputat hallas dak dovut, u anke l-ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu – wahda li zamm ferm;

Rat il-fedina penali tieghu, u anke dak li gie dikjarat dwar l-istess mill-Ufficjal Prosekutur;

Rat illi ma gitx fil-verita' pruvata r-recidiva li baqghet dejjem in kontestazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni, u wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi **Giulio Zarb** hati, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sitt(6) xhur sospizi ghal tmintax(18)-il xahar, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------